KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 03Ad hoc_4/08/09 VI

## MINUTI TAT-TIELET (AD HOC) SEDUTA

**It-tielet seduta** (Ad hoc) tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet it-Tlieta 4 **ta' Awwissu, 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech** |
| **Viċi Sindku** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Yves (Bobby) Cali**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Martin Debono**<br>**Cyrus Engerer**<br>**Julian Galea**<br>**Nicolai Gauci**<br>**Patrick Pace** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-16:15 b'din l-agenda:

1. Deċiżjoni mil-kunsill dwar update ta' EIS tal-Proġett ta' Tigne (MIDI) PA 00621/05
2. Applikazzjoni PA 05281/08 dwar bankina fix-Xatt ta' Tigne
3. Applikazzjoni PA 05280/08 dwar bankina fix-Xatt
4. Informazzjoni dwar it-tender ta' *road resurfacing*

### 1. Deċiżjoni mil-kunsill dwar update ta' EIS tal-Proġett ta' Tigne (MIDI) PA 00621/05

Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-minuti tal-laqgħa li saret il-MEPA fit-23 ta' Lulju, 2009 kif ukoll il-laqgħa li saret mas-sotto kumitat ta' l-Ambjent nhar is-27 ta' Lulju, 2009 fejn spjega l-punti li ġew diskussi. Kopja ta' dawn il-minuti kienu ntbagħtu lill-kunsilliera kollha. Irriżulta li l-kunsill irid jiddeċiedi dwar it-torri T20 għandux jinbiddel minn lukanda għal bini residenzjali, kif ukoll dwar il-bidla proposta tat-torrijiet tat-T17 u T14 u l-*visual impact*.



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

*Daħal il-kunsillier C. Engerer fl-4.35pm*

Is-sindku N. Dimech, il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, C. Engerer, J. Galea, N. Gauci u P. Pace unanimament qablu li għandhom joġġezzjonaw li t-torri (T20) jinqaleb għall-użu residenzjali iżda għandu jibqa proġettat għal lukanda. Dan minħabba l-fatt li Tas-Sliema hija diġa *over populated* bl-iżviluppi ta' appartamenti li hawn. Il-membri tal-kunsill qalu wkoll li d-*development brief* jistipola T20 se jintuża bħala lukanda.

Fir-rigward tal-blokkok t'appartamenti (T14) u (T17), is-sindku N. Dimech, il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, C. Engerer, J. Galea, N. Gauci u P. Pace unanimament qablu li joġġezzjonaw għall-bidla fl-għoli propost fejn il-blokkok ta' wara jitneħħew u jiżdiedu fuq il-blokkok tal-periferija li minn sitt sulari jogħlew għal tnax u erbatax-il sular minħabba l-fatt li l-għola bini għandu jkun mibni fuq wara, filwaqt li se jkun qiegħed jirriżulta f'*horizon pollution*. Il-membri tal-kunsill ikkumentaw ukoll li jekk kif skont hemm fl-*Environmental Impact Statement* il-*garden battery* huwa daqshekk importanti u sensittiv allura m'għandu jinbena xejn iżjed fuqu, u għandu jiġi priżervat bla ebda kundizzjoni.

**2. Applikazzjoni PA 05281/08 dwar imwejjed u siġġijiet fuq il-bankina fix-Xatt ta' Tigne**
**3. Applikazzjoni PA 05280/08 dwar imwejjed u siġġijiet fuq il-bankina fix-Xatt**

Għal dawn iż-żewġ applikazzjonijiet is-sindku N. Dimech, il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, C. Engerer, J. Galea, N. Gauci u P. Pace unanimament qablu li għandhom joġġezzjonaw għal dawn iż-żewġ applikazzjonijiet minħabba li dawn l-applikazzjonijiet mhumiex iffirmati fis-sezzjoni tal-*landownership* minħabba li jinsabu fuq art pubblika u huma irregolari. Il-membri tal-kunsill oġġezzjonaw ukoll minħabba l-fatt li l-MEPA aċċettat l-applikazzjonijiet mingħajr il-kunsens ta' l-~~okkupant~~ u l-kunsill ma ġiex ikkonsultat fiż-żmien stipulat bil-liġi.

**4. Informazzjoni dwar it-tender ta' road resurfacing**

4.1 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li hu kien staqsa parir lill-avukat tal-kunsill għandux ikun hemm sejħa oħra għall-offerti għal din it-tender minħabba l-fatt li għaddew ħafna xhur u s'issa għadhom ma ġewx iġġudikati u ppreżenta l-ittra mil-avukat tal-kunsill. Fl-opinjoni ta' l-avukat il-kunsill jista jipproċedi bl-istess applikazzjonijiet. Is-Sindku N. Dimech u l-kunsillier M. Debono għandhom jiltaqgħu għal evalwazzjoni nhar il-Ġimgħa 7 t'Awwissu, 2009 fil-11am.

*Ġew diskussi punti oħra:*

A. Is-segretarju eżekuttiv ressaq talba mil-Għaqda Banda San Girgor sabiex il-marċ ta' filgħodu tas-6 ta' Settembru jieqaf quddiem 71, Triq Isouard (ma' Triq Depiro) fejn tkun trid tingħalaq it-triq u jintrama *stand* ta' ikel u xorb. Il-kunsill ma sab ebda oġġezzjoni għal dan.

B. Is-segretarju eżekuttiv informa bil-laqgħa li saret mal-*Green Mt* dwar il-ġbir ta' skart riċiklat, fejn bagħtu l-proposti tagħhom lill-kunsill liema proposti huma vantaġġjużi. Il-kunsill għandu l-ewwel jistaqsi lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali nistgħux inwaqqfu dan is-servizz mil-kumpanija Transline minnufih.

C. Il-kunsillier M. Debono ippropona li l-kunsill għandu jiltaqa' ma' min jieħu ħsieb l-art ta' fejn il-Pjazzetta (ex Regina Hotel) biex naraw tistax tittranġa bħala *carpark* temporanju. Il-kunsilliera preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni għal dan.

Is-seduta ntemmet fil-5.30pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 19 ta' Awwissu, 2009 fil-5.30pm.

**Nikki Dimech**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**